



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2011/0139(NLE)

9.11.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (11226/2011 – C7-0201/2011 – 2011/0139(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: François Alfonsi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

L-estensjoni proposta tal-protokoll tkopri perjodu ta' sena b'bidu mis-27 ta' Frar 2011, id-data meta skada l-protokoll attwalment fis-seħħ. Il-protokoll preżenti ġie implimentat provviżorjament, fl-istennija tal-proċedura ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew. Il-protokoll estiż se jkun applikabbli għal perjodu ta' sena b'bidu mit-28 ta' Frar 2011.

Skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jagħti jew ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu.

Il-livell finanzjarju ta' dan il-ftehim huwa konsiderevoli (EUR 36.1 miljuni), ammont li ma jista' jitqabbel mal-ebda wieħed mill-ftehimiet approvati sal-lum. Il-Kumitat tagħna fittex konċertazzjoni tal-kumitati tal-Parlament Ewropew ikkonċernati (PECH, BUDG, DEVE) bil-għan li ssir riflessjoni fil-fond dwar dawn il-ftehimiet: dwar kif jistgħu jittejjbu fihom il-garanziji rigward il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, u biex iħallu effetti aħjar fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiż ikkonċernat. L-adozzjoni tar-rapport kif imressaq quddiemna bħalissa, li għalih waħdu jirrappreżenta 25% tal-linja baġitarja kkonċernata, twassal *de facto* biex telimina parti kbira mill-kontenut ta' din il-konċertazzjoni.

KONKLUŻJONI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għasSajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 25 - : 8 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Reimer Böge, Lajos Bokros, Isabelle Durant, James Elles, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Derek Vaughan
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Franziska Katharina Brantner, Frédéric Daerden, Jürgen Klute, Georgios Stavrakakis
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, María Irigoyen Pérez, Baroness Sarah Ludford, George Lyon, Marisa Matias, Marit Paulsen, Ivo Vajgl